# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Numru: 195/2012 MLF**

**Vassallo Builders Limited**

**vs**

**MI-SE@Malta Foundation, Geir Fagerhus f'ismu proprio u qua amministratur tal-fundazzjoni MI-SE@Malta Foundation u Krystyna Jolanta Wojnarowicz f'isimha proprio u qua amministrattrici tal-fundazzjoni MI-SE@Malta Foundation**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallusha solidalment bejniethom, l-ammont ta' tmint elef tliet mija u hamsin euro u erbgha u erbghin centezmu (€8,350.44) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata u servizzi prestati mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatroju kontestwalment prezentat, bl-imghax legali mid-data tal-prezenti sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, illi l-konvenuti Geir Fagerhus u Krystyna Jolanta Wojnarowicz m'humiex il-legittimi kontraditturi stante illi r-relazzjoni ta' Vassallo Builders Limited gia Vassallo Joiners Limited hija unikament ma' MI-SE@Malta Foundation, fondazzjoni li ghandha personalita' guridika distinta, u l-konvenuti Geir Fagerhus u Krystyna Jolanta Wojnarowisca personalment ma ghandhom l-ebda responsabbilta' fil-ligi fil-konfront tas-socjeta' attrici;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra:

(i) illi l-konvenuta MI-SE@Malta Foundation hallset is-somma ta' hmistax il-elf Euro (€15,000) lis-socjeta' attrici ossia lill-precedessura taghha Vassallo Joiners Limited ghas-saldu tal-prezz miftiehem ghall-ghamara ordnata, liema pagament sar mill-istess konvenuta skont kif miftiehem qabel ma giet konsenjata l-ghamra in kwistjoni;

(ii) illi kien biss wara li r-relazzjoni ta' bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta MI-SE@Malta Foundation iddeterjorat (u dan ghal ragunijiet attribwibbli unikament lis-socjeta' attrici) li l-konvenuta rceviet il-fattura ghas-somma ulterjuri ta' €8,350.44 (Dok. VJ1 anness mar-rikors promotorju tas-socjeta' attrici) li taghha is-socjeta' attrici prezentement qed tippretendi hlas;

(iii) illi hlief ghall-'Banners' indikati fl-istess fattura Dok. VJ1, li gew ordnati mill-konvenuta MI-SE@Malta Foundation, is-servizzi u oggetti ohra li taghhom is-socjeta' attrici qed tippretendi hlas, qatt ma gew ordnati minn ghandha mill-konvenuta MI-SE@Malta Foundation jew mill-konvenuti l-ohra u ghalhekk f'dan ir-rigward il-pretensjoni tas-socjeta' attrici ghal-hlas fil-konfront tal-konvenuti hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi fil-kaz tal-'Banners' imsemmija l-prezz reklamat mill-attrici ta' €1,185.90

(inkluz il-VAT) mhuwiex dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta MI-SE@Malta Foundation in kwantu huwa esagerat u l-istess prezz qatt ma gie miftiehem bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici. Il-konvenuti u/jew l-avukati difensuri taghhom naqsu li jidhru ghas-seduta intiza ghat-trattazzjoni orali.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Dr. John Attard in rapprezentanza tal-Fondazzjoni Marsec-XI deher fuq att pubbliku datat 7 ta' Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores u li permezz tieghu giet imwaqqfa l-fondazzjoni konvenuta MI-SE@Malta Foundation, liema fondazzjoni kellha topera skond l-istatut taghha anness mal-istess att.[1] Dan l-att gie iskritt fir-Registru Pubbliku fit-22 ta' April 2008 bin-nota ta' iskrizzjoni numru I 6082/2008.[2]

2. L-istatut tal-fondazzjoni konvenuta jippreskrivi *inter alia* illi din tkun regolata minn Kunsill konsistenti f'numru ta' mhux inqas minn tnejn u mhux izjed minn hames membri, li kellhom iservu ghal perjodu ta' erba' snin, bil-possibilita' li jigu riappuntati wara li jkunu servew tali terminu. Skond l-artikolu 3.4 tal-istatut, l-ewwel zewg membri tal-Kunsill kienu Dr. John Attard u l-konvenuta Krystyna Wojnarowicz. L-artikolu 3.8 imbaghad kien jipprovdi li l-amministratur tal-fondazzjoni jservi terminu ta' sentejn, bl-ewwel amministratur kien il-konvenut Geir Fagerhus.[3]

---

[1] Ara l-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores tas-7 ta' Frar 2008 a *fol.* 29 tal-process.
[2] Ara n-nota a *fol.* 46 tal-process.
[3] Ara l-istatut tal-fondazzjoni konvenuta a *fol.* 24 tal-process.

3. B'att pubbliku iehor tal-10 ta' Dicembru tal-2008, fl-atti tan-nutar Dottor Edward Flores, gew mahtura zewg persuni ohra bhala membri fuq il-Kunsill tal-fondazzjoni konvenuta, b'effett mid-data ta' dak l-att, u peress li Dottor John Attard kien irrizenja mill-hatra tieghu bhala President u membru tal-Kunsill tal-fondazzjoni konvenuta b'effett mill-istess data, gie miftiehem li l-konvenuta Krystyna Woynorowicz tokkupa l-kariga ta' President tal-Kunsill minfloku.[4]

4. Wara li gew intavolati l-proceduri odjerni fl-1 ta' Gunju 2012, il-konvenuti Krystyna Wojnarowicz u Geir Fagerhus deheru fuq att pubbliku datat 20 ta' Settembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores u li permezz tieghu iddikjaraw illi skond l-istatut tal-fondazzjoni konvenuta, Krystyna Wojnarowicz iddikjarat illi l-irwol taghha bhala membru tal-Kunsill kien skada fis-7 ta' Frar 2012 filwaqt li Geir Fagerhus iddikjara li l-irwol tieghu bhala amministatur tal-fondazzjoni konvenuta kien skada fis-7 ta' Frar 2010.[5]

5. Il-konvenuta Krystyna Wojnarowicz xehdet illi fil-perjodu bejn l-2008 u l-2009 hija kienet, fil-kwalita' taghha ta' membru tal-Kunsill tal-fondazzjoni konvenuta, tikkomunika Vassallo Joiners Limited, il-precedessura tas-socjeta' attrici, dwar fornitura ta' ghamara fl-ufficju tal-istess fondazzjoni. Qalet li fis-17 ta' April 2009 il-fondazzjoni konvenuta kienet ghamlet pagament permezz ta' *cheque* mahrug minn kont bankarju tal-fondazzjoni fl-ammont ta' €15,000.[6]

6. Il-konvenut Geir Fagerhus xehed huwa kien involut f'negozjati ma' Vassallo Joiners Limited fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-fondazzjoni u mhux fil-kapacita' personali tieghu. Fagerhus ikkonferma dak iddikjarat mill-konvenuta Wojnarowicz fid-deposizzjoni taghha.[7]

7. Il-maggoranza tax-xoghol relatat mal-abbozzar tal-istatut tal-fondazzjoni saru mill-avukat Dottor Pauline Debono. Hija xehedet li wara l-introduzzjoni tal-Att li permezz tieghu giet introdotta t-Tieni Skeda fil-Kodici Civili fuq Organizzazjonijiet Guridici,

---

[4] Ara *fol. 20 et seq.* tal-process.
[5] Ara l-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores tal-20 ta' Settembru 2012 a *fol.* 16 tal-process.
[6] Ara x-xhieda tal-konvenuta Krystyna Wojnarowicz a *fol.* 13 tal-process.
[7] Ara l-affidavit tal-konvenut Geir Fagerhus a *fol.* 43 tal-process.

kien gie deciz li l-progett jiehu l-forma ta' fondazzjoni, izda peress li sa dak iz-zmien l-Att ma kienx ghadu dahal fis-sehh, il-fondazzjoni ma setghetx tigi registrata taht din it-Tieni Skeda. Pero Dottor Debono ma setghetx tibqa' involuta sal-ahhar tal-process, u ghalhekk kienet ghaddiet il-materjal lin-nutar li kellu jiehu hsieb il-pubblikazzjoni tal-att relattiv.[8]

8. In-Nutar Hilary Grech, Assistant Direttur fir-Registru Pubbliku, xehdet illi l-irwol taghha jinkludi l-*vetting* ta' applikazzjonijiet li jsiru mar-registratur taht id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, u esebiet dokument mahrug mir-Registratur ghal Persuni Guridici li jikkonferma li l-fondazzjoni konvenuta qatt ma kienet giet registrata skond dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi.[9]

9. Carol Cassar, *Financial Controller* fi hdan is-socjeta' attrici, xehed illi l-konvenuti Fagerhus u Wojnarowicz kienu inkarigaw lis-socjeta' Vassallo Joiners Limited, li sussegwentement giet amalgamata mas-socjeta' attrici, sabiex din tissupplixxi ghamara ghall-ufficini tal-fondazzjoni konvenuta. Spjega li l-konvenuti kienu kuntenti bix-xoghol mamghul mis-socjeta' attrici tant li kienu inkarigawha taghmel xogholijiet addizzjonali bhal transport ta' ghamara ohra u fornitura ta' *banners*. Qal li fl-20 t'April 2009 kien sar pagament akkont permezz ta' *cheque* fis-somma ta' €15,000 u meta x-xoghol kien tlesta s-socjeta' attrici kienet harget kont ghall-bilanc fl-ammont mitlub permezz ta' din il-kawza. Xehed li l-konvenuti bdew igibu l-iskuzi ghaliex ma riedux ihallsu dan il-kont, u sussegwentement kienu qatghu l-kuntatt mas-socjeta' attrici.[10]

## Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titolbu li l-konvenuti *in solidum* jigu kkundannati ihallsuha is-somma ta' €8,350.44 rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata u servizzi prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenuti.

---

[8] Ara x-xhieda ta' Dr Pauline Debono a *fol.* 66 tal-process.
[9] Ara x-xhieda tan-Nutar Hilary Grech a *fol.* 38 u d-dokument immarkat HG1 a *fol.* 44 tal-process.
[10] Ara x-xhieda ta' Carol Cassar a *fol.* 76 tal-process.

Il-konvenuti laqghu ghat-talba attrici billi ressqu eccezzjoni ta' natura preliminari li jehtieg illi tigi trattata u deciza qabel ma' l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjonijiet fil-mertu.

*L-Ewwel Eccezzjoni – il-konvenuti Krystyna Wojnarowicz u Geir Fagerhus m'humiex il-legittimi kontraditturi ghaliex ir-relazzjoni guridika hija mal-Fondazzjoni konvenuta*

Permezz ta' din l-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti flimkien jeccepixxu li r-relazzjoni guridika kienet bejn is-socjeta' attrici u l-fondazzjoni konvenuta, u ghalhekk il-konvenuti Krystyna Wojnarowicz u Geir Fagerhus fil-kwalita' personali taghhom m'humiex il-legittimi kontradittturi ghat-talbiet attrici.

Mill-provi prodotti ma hemmx dubju li meta l-konvenuti Wojnarowicz u Fagerhus ghamlu l-ordni minghand il-predecessura tas-socjeta' attrici, dawn kienu qeghdin jagixxu f'isem il-fondazzjoni konvenuta. Dan il-fatt huwa rikonoxxut minn Carol Cassar, rapprezentant tas-socjeta' attrici, fejn fix-xhieda tieghu jghid hekk: "*konna bdejna naghtu xi quotations lil MI-SE Malta foundation biex nghamlu xi xoghol.*" Mistoqsi jekk dawn l-ordnijiet il-konvenuti kienux jaghmluhom f'isimhom proprju jew ghan-nom ta' haddiehor, Cassar wiegeb hekk: "*Le f'isem, huma kienu dawn, il-Foundation, il-Foundation, il-MI-SE Malta foundation*."

Bl-istess mod, lanqas hemm dubju li sa dakinhar li gew intavolati dawn il-proceduri, l-fondazzjoni konvenuta kienet ghadha ma gietx registrata mar-Registratur ghal Persuni Guridici ai termini tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili. Dak li jrid jigi determinat huwa jekk dan il-fatt jaghmilx lill-konvenuti l-ohra fil-kwalita' taghhom ta' amministratur u membru tal-Kunsill responsabbli ghall-obbligazzjonijiet tal-fondazzjoni konvenuta.

Permezz ta' l-Att XIII tal-2007, li dahal fis-sehh fl-1 ta' April 2008,[11] giet mizjuda t-Tieni Skeda fil-Kodici Civili, bil-ghan li tigi regolata l-personalita' guridika ta' organizazzjonijiet u fondazzjonijiet. Din it-Tieni Skeda giet emendata diversi drabi, u ghalhekk din il-Qorti trid tara d-disposizzjonijiet ta' din l-Iskeda fil-perjodu relevanti, u cioe meta gew konkluzi d-diversi ordnijiet tal-ghamara in kwistjoni, u cioe, skond id-dokumenti ezebiti, bejn il-21 ta' Lulju 2008 u t-28 t'Ottubru 2008.

[11] Ara Avviz Legali 95/2008.

L-Artikolu 1(d) tat-Tieni Skeda, kif kienet fis-sehh fiz-zmien rilevanti, kien jistabilixxi d-data tal-31 ta' Marzu 2007 bhala *"id-data rilevanti"* ghal fini tal-istess Skeda. Il-Qorti tirrileva li bl-Avviz Legali 196/2010, li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 t'April 2010, *"id-data rilevanti"* giet mibdula ghal dik tal-1 ta' April 2008. Pero, kif diga inghad, il-proceduri odjerni jikkoncernaw negozju li sar bejn Lulju u Ottubru 2008, u l-Avviz Legali 196/2010 ma jikkontjeni l-ebda disposizzjoni li tati din l-emenda effett retroattiv. Konsegwentement ghal fini ta' dawn il-proceduri, *id-data rilevanti* skond l-Iskeda hija dik originali tal-31 ta' Marzu 2007.

It-Titolu II tat-Tieni Skeda imbaghad jitratta l-personalita' guridika ta' l-organizzazzjonijiet guridici u, *inter alia*, jistabilixxi li l-personalita' guridika tinkiseb biss minn organizzazzjoni meta din tigi registrata mar-Registratur ghall-Persuni Guridici.[12]

It-Tieni Skeda taghmel distinzjoni bejn dawk l-organizzazzjonijiet li kienu jezistu qabel *"id-data rilevanti"* u cioe il-31 ta' Marzu 2007, u dawk l-organizzazzjonijiet li gew mahluqa wara *"id-data relevanti"*. Mill-provi jirrizulta li l-fondazzjoni konvenuta giet mahluqa fis-7 ta' Frar 2008 permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores u ghaldaqstant giet mahluqa wara *"id-data rilevanti"*.

M'hemmx dubbju li b'dan il-mod, il-legislatur ikrea sitwazzjoni anomala, billi organizzazzjonijiet, bhal dik odjerna, li gew kreati wara il-31 ta' Marzu 2007 izda qabel l-1 ta' April 2008, id-data li fiha dahlet fis-sehh it-Tieni Skeda, gew konsidrati skond d-disposizzjonijiet tal-istess Skeda li gew kreati wara id-data rilevanti, u ghalhekk kellhom jigu registrati mar-Registratur ghal Persuni Guridici minnufih malli dahlet fis-sehh it-Tieni Skeda, ghaliex altrimenti ma jitqiesux li ghandhom personalita guridika distinta (ara Artikolu 3). Kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahruga mir-Registratur ghal Persuni Guridici, sat-8 ta' Frar 2013 il-fondazzjoni konvenuta kienet ghadha ma gietx registrata skond il-ligi, ghalhekk sa din id-data ma kellhiex personalita guridika distinta.

L-Artikolu 4(7) tat-Tieni Skeda jippreskrivi illi:

*"Kull persuna li tagixxi f'isem persuna guridika li ma tezistix tintrabat personalment biex*

[12] Ara Artikolu 3(1) tat-Tieni Skeda.

*twettaq l-obbligi li tassumi; hlief kif jista' jkun previst mod iehor f'xi ligi specjali, persuna guridika tista' tirratifika kull att maghmul f'isimha qabel ma giet registrata. Mar-registrazzjoni l-persuna guridika tkun marbuta bl-obbligi li tkun dahlet ghalihom persuna li tkun agixxiet f'isem il-persuna guridika u tkun intitolata ghad-drittijiet kollha. Ir-ratifika ma tikkostitwix novazzjoni sakemm il-parti l-ohra fl-operazzjoni ma tehlisx espressament lill-persuna li tagixxi f'isem il-persuna guridika mill-obbligi li tkun assumiet: … …"*

Kif diga inghad, sad-data li fiha gew intavolati dawn il-proceduri, il-fondazzjoni konvenuta kienet ghadha ma gietx registrata, u ghalhekk din il-Qorti m'hix se tinoltra ruhha fit-tifsira tat-tieni parti ta' din id-disposizzjoni dwar jekk persuna guridika tirratifika att maghmul f'isimha qabel ma tkun giet registrata. Dak li hu relevanti ghal fini ta' dawn il-proceduri hija l-ewwel parti ta' din id-disposizzjoni u cioe li *"Kull persuna li tagixxi f'isem persuna guridika li ma tezistix tintrabat personalment biex twettaq l-obbligi li tassumi."*

Galadarba jirrizulta li l-fondazzjoni konvenuta ma gietx debitament registrata, il-konvenuti Wojnarowicz u Fagerhus li agixxew f'isem il-fondazzjoni konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, intrabtu personalment ghall-obbligi li assumiet il-fondazzjoni, u ghandhom jinzammu responsabbli *in solidum* mal-fondazzjoni konvenuta ghal kull ammont dovut mill-fondazzjoni lis-socjeta attrici.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li galadarba r-relazzjoni guridika mertu ta' din il-kawza kienet dik bejn is-socjeta' attrici u l-fondazzjoni konvenuta u stante li fiz-zmien tal-kontrattazzjoni *de quo* il-fondazzjoni konvenuta ma kinietx giet debitament registrata u allura ma kellhiex personalita' guridika distinta, Wajonarowicz u Fagerhus li agixxew f'isem il-fondazzjoni fil-konfront tas-socjeta attrici, huma personalment responsabbli ghall-obbligi assunti mill-fondazzjoni konvenuta.

Konsegwentement, din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ser tigi michuda.

*Il-Mertu*

Permezz tal-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti eccepew illi l-hlas fis-somma ta' €15,000 li sar da parti tal-fondazzjoni konvenuta kien ghas-saldu tal-prezz miftiehem ghall-ghamara ordnata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Johann Schembri pro et nomine vs Charlot Mifsud nomine**, deciza mill-Qorti tal-Appell[13] fid-19 ta' Ottubru 2005 gie ritenut hekk in materja ta' pagament ghas-saldu: "*B'danakollu lanqas ma ghandu jigi pretiz illi l-kreditur, ghal fatt li accetta l-hlas li sarlu, gie li rrinunzja ghal kull bilanc lilu dovut; Huwa veru li in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement" jigi li hu rceva pagament f' dawk l-istess termini precizi. Dan jibqa' hekk pero` sakemm ma jigix muri illi min ircevih ipprotesta dwar hlas ghal dan fil-mument opportun.*"

F'dan il-kaz mhux talli ma giex ippruvat li s-socjeta' attrici rrinunzjat ghad-dritt li titlob il-bilanc tal-prezz tax-xogholijiet minnha mwettqa, talli lanqas biss jirrizulta illi l-pagament maghmul mill-fondazzjoni konvenuta kien marbut bil-kundizzjoni li dan kien qieghed isir ghas-saldu, ipotezi din li hija kkontestata bil-qawwa mis-socjeta' attrici. Fix-xhieda taghhom il-konvenuti Wojnarowicz u Fagerhus ma jinoltrawx ruhhom dwar dan il-punt, u minflok jillimitaw ruhhom ghas-semplici konferma li kien sar dan il-pagament minghajr ma jispecifikaw li dan kien sar bil-kundizzjoni specifika li kien ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici. In oltre, minn *email* mibghuta f'Lulju tal-2009 mill-istess konvenuti lis-socjeta' attrici jirrizulta li anke huma stess kienu qeghdin jirrikonoxxu li dan il-pagament kien sar bhala depozitu u mhux ghas-saldu u dan billi f'din l-*email* jghidu hekk: "*We have already paid 15 KEUR* (sic) *in deposit so that part is taken care of.*"[14]

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha.

Permezz tat-tieni parti tat-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jeccepixxu li s-socjeta' attrici baghtet il-fattura ghas-somma ta' €8,350.44 biss wara li r-relazzjoni mal-fondazzjoni

[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[14] Ara l-*email* a *fol.* 97 tal-process.

konvenuta iddeterjorat ghal ragunijet attribwibbli lis-socjeta' attrici. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi fl-ewwel lok din l-eccezzjoni hija legalment insostenibbli, u dan stante li l-fatt li fattura tinbaghat wara li relazzjoni bejn il-partijiet fi transazzjoni tkun iddeterjorat ma jfissirx li dik il-fattura ma tkunx dovuta. Fi kwalunkwe kaz, dan il-fatt ma jirrizultax mill-provi prodotti f'din il-kawza. Ghal kuntrarju dak li jirrizulta huwa li sa Lulju tas-sena 2009 il-konvenuti kienu kuntenti bix-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' attrici.

Finalment permezz tat-tielet parti tat-tieni eccezzjoni, l-fondazzjoni konvenuta teccepixxi li s-servizzi u oggetti li taghhom is-socjeta' attrici qed tippretendi hlas ma gewx ordnati ghajr ghal *banners* li dwarhom il-konvenuti jeccepixxu li l-prezz mitlub mis-socjeta' attrici huwa wiehed esagerat. Huwa principju assodat fil-kamp civili illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Ghaldaqstant kien jispetta lill-konvenuti li jressqu prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni taghhom, prova din li ma tirrizultax li saret f'dan il-kaz. Anke f'dan ir-rigward, fix-xhieda taghhom il-konvenuti Wojnarowicz u Fagerhus ma jaghmlu ebda accenn dwar dan il-punt u ghaldaqstant din baqghet biss allegazzjoni.

Ghaldaqstant anke din il-parti tat-tieni eccezzjoni ma hijiex misthoqqa u ghalhekk ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti; u

2. Konsegwentement tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef tliet mija u hamsin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€8,350.44), bl-imghax legali mil-1 ta' Gunju 2012, id-data tar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri, sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti *in solidum*.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**